# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## Maġistrat Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv)

**Denunzja ta' l-Uffiċjal tal-*Probation* Donnalise Camilleri ai termini ta' l-Artikolu 21 tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta magħmulha fl-atti tal-kawża fl-ismijiet:**

**Il-Pulizija**
(Spettur Roderick Attard)

Vs

**Dylan Hill**
(K.I. 226093M)

**Illum, 15 ta' Mejju, 2023**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tal-Uffiċjal tal-*Probation* Donnalise Camilleri datat l-24 ta' Awwissu 2020 ai termini tal-Artikolu 21 tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn wara li pprmettiet illi d-denunzjat naqas li jżomm ruħu f' kuntatt mal-uffiċċju u l-uffiċjal tal-*probation* skond id-direttivi mogħtija lilu, talbet lil din il-Qorti sabiex tieħu dawk il-miżuri li jidrilha xierqa u opportuni.

Rat id-Digriet ta' din il-Qorti, diversament ippresjeduta li permezz tiegħu id-denunzja ġiet appuntata għas-16 ta' Ottubru 2020;

Rat is-sentenza erogata minn din il-Qorti diversament ppresejduta fl-4 ta’ Ottubru 2019 fejn il-Qorti b’ applikazzjoni tal-Art. 7 tal-Kap. 446 poġġiet lil Dylan Hill taħt *Ordni ta’ Probation* għal żmien sentejn (2) minn dakinhar taħt il-kundizzjonijiet indikati fid-digriet formanti parti mill-istess sentenza;

Rat id-Digriet ta’ l-*Ordni ta’ Probation* erogat fl-4 ta’ Ottubru 2019 u l-kondizzjonijiet hemm elenkati;

Rat illi l-atti odjerni ġew assenjati lil din il-Qorti kif presjeduta nhar it-28 ta’ Lulju 2021 tramite l-Assenjazzjoni maħruġa ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta u l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat l-Artikolu 21 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat id-dokumenti preżentati;

Semgħet ix-xhiedha;

Ikkonsidrat;

Illi fin-nota tal-Uffiċjal tal-*Probation* Donnalise Camilleri datata t-12 ta’ Ottubru 2020, hija nformat lill-Qorti illi sa mill-bidu ta' din l-Ordni ta’ Probation, id-denunzjat Hill ma attendiex għal disa’ appuntamenti, ċioè l-appuntamenti kollha li ngħata mill- Uffiċjal tal-*Probation*. illi fit-2 ta' Marzu 2020 l- Uffiċjal tal-*Probation* ikkomunikat ma' omm id-denunzjat u ħalliet appuntament magħha għall-4 ta' Marzu 2020 fejn Hill informaha li ma setax jattendi għall-appuntament peress li kien ma jiflaħx. Illi waqt il-pandemija tal-Covid-19 l- Uffiċjal tal-*Probation* ippruvat diversi drabi tagħmel kuntatt telefoniku miegħu iżda qatt ma kien hemm rispons, lanqas fuq in-numru tar-residenza tiegħu. Qalet illi d-denunzjat ingħata diversi appuntamenti fix-xhur ta' Lulju u Awwissu 2020 iżda huwa baqa’ ma attendiex.

Illi fix-xhieda tagħha mogħtija fil-5 ta’ Frar 2021, l-istess Uffiċjal tal-*Probation,* filwaqt li kkonfermat in-nota tagħha sopra msemmija bil-ġurament, żiedet illi fit-3 ta’ Diċembru 2020, rċeviet telefonata mingħand terza persuna fejn informata li d-denunzjat kien qed jgħix magħha ġewwa

Għawdex, peress li kien homeless, u l-Qorti tat direzzjoni sabiex isiru l-arranġamenti u jattendi għall-appuntamenti fil-Gżira ta' Għawdex.

Illi fix-xhieda mogħtija fl-4 ta' Marzu 2022, l-Uffiċjal tal-*Probation* Joseph Mizzi xehed illi huwa ġie assenjat sabiex jassisti lill- Uffiċjal tal-*Probation* Donnalise Camilleri fuq din l-Ordni peress illi d-denuzjat kien qed jirrisjedi ġewwa l-Gżira ta' Għawdex. Xehed li kien qed jirriskontra xi diffikultajiet sabiex jikkomunika miegħu però rnexxielu jżomm appuntament miegħu fl-4 ta' Marzu 2021 u ħadlu t-test tal-urina fit-8 ta' Marzu 2021 fejn irriżulta fin-negattiv. Qal li d-denunzjat dam diversi xhur ma jagħmel kuntatt miegħu u filfatt reġa ltaqa' miegħu fil-11 ta' Ottubru 2021 fejn it-test tal-urina irriżulta pożittiv għall-kokajina. Qal ukoll li diversi drabi kien inkoraġġixxa lill-istess Dylan Hill jagħmel kuntatt mal-Uffiċju tal-Probation iżda ma baqax jattendi għall-appuntamenti.

Illi fix-xhieda tagħha mogħtija fit-18 ta' Novembru 2022, l-Uffiċjal tal-*Probation* Donnalise Camilleri xehdet illi mill-feedback li rċeviet mill-Uffiċjal tal-*Probation* Joseph Mizzi, l-aħħar darba li kellu kuntatt mad-denunzjat kien fil-11 ta' Ottubru 2021. Qalet li għall-ewwel sena ma kienx attenda appuntamenti u għalkemm kienet ittiħ l-appuntamenti, ma kienet tisma xejn mingħandu ħlief darba, meta qalilha li ma setax jattendi minħabba raġuni ta' mard.

Illi fix-xhieda tagħha mogħtija fil-15 ta' Marzu 2023, l-Uffiċjal tal-*Probation* Donnalise Camilleri xehdet illi minn wara s-seduta tat-18 ta' Novembru 2022, id-denunzjat attenda biss għal appuntament wieħed fit-2 ta Diċembru 2022 minn diversi appuntamenti mogħtija. Xehdet li fis-6 ta' Marzu 2023 u fit-28 ta' Marzu 2023 kien attenda mingħajr ma kellu appuntament. Ittieħed test tal-urina fit-28 ta' Marzu 2023 li rriżulta pożittiv għall-użu tal-kokajina. Xehdet li d-denunzjat ma baqgħax jirrisjedi fl-indirizz mogħti lill-uffiċjali tal-probation u dak dikjarat fl-atti tal-proċeduri.

Illi fix-xhieda tiegħu mogħtija llum stess, id-denunzjat Dylan Hill qal li mhux veru li ngħata diversi appuntamenti sabiex jattendi. Qal li ngħata appuntament wieħed biss bil-miktub u li qatt ma taħ dati fissi. Qal li meta

baqa' ma sema xejn mingħand l-*Uffiċjal tal-Probation* qabad u mar minn jeddu għall-appuntamenti. Qal li ma jaqbilx mar-riżultat tat-test tal-urina meħud fit-28 ta' Marzu 2023. Qal li hu ma kellux mobile phones fuqu u kien jagħti n-numru tal-mobile tal-imgħallmin tiegħu. Qal li hu kien ibgħati minn vizzju tad-droga u li saħansitra spiċċa *homeless*.

Ikkonsidrat;

Illi fid-Digriet ta' l-*Ordni ta' Probation* erogat fl-4 ta' Ottubru 2019 hemm diversi kondizzjonijiet, fosthom:

> "*1. Li matul il-perjodu ta' probation, l-ħati għandu jġib ruħu tajjeb, joqgħod għad-direttivi kollha tal-Probation Officer u jżomm dak il-kuntatt meħtieġ u mitlub mill-uffiċċjal tal-probation maħtur lilu.*
>
> *...omissis..*
>
> *5. Li għandu jżomm ruħu f'kuntatt mal-uffiċċjal tal-Probation skont id-direttivi li jagħtih minn żmien għall-ieħor l-istess Uffiċċjal tal-Probation; u partikolarment li huwa għandu, jekk l-Uffiċċjal tal-Probation ikun hekk irid, jirċievi żjarat tal-istess Uffiċċjal tal-Probation."*

Illi mix-xhieda mogħtija mil-Uffiċjali tal-*Probation* Donnalise Camilleri u Joseph Mizzi jirriżulta ampju illi d-denunzjat Dylan Hilli naqas milli joqgħod għall-ordnijiet mogħtija lilu minnhom. Filfatt minkejja li tawħ diversi appuntamenti waqt il-perjodu operattiv tal-Ordni, id-denunzjat baqa' jippersisti f'li ma jattendix. Il-Qorti, minkejja li semgħet lid-denunzjat jixhed li hu qatt ma ngħata appuntament fiss mill-uffiċjali tal-probation, issibha diffiċli ħafna temmen il-verżjoni tiegħu. L-Uffiċjali tal-Probation huma professjonisti li għandhom esperjenza kbira f'dan il-qasam u żgur li minn darba għall-oħra jagħtu data, ħin u lok fiss għall-appuntament mal-persuna mqiegħda taħt *Ordni ta' Probation*. Ma tressqet ebda prova li f'dan il-każ kien hemm xi ħaġa differenti u ma ngħatawx tali appuntamenti. Di più

jirriżulta wkoll li f'okkażjoni minnhom, waqt il-pendenza tal-Ordni ta' *Probation,* l-akkużat irriżulta pożittiv għad-droga kokajina.

Illi di più, din id-denunzja kienet ikkaratterizzata minn numru sostanzjali ta' seduti u damet total ta' sentejn u seba' xhur sabiex tiġi deċiża (in parte minħabba l-għeluq tal-Edifiċċju tal-Qorti fiż-żmien tal-Pandemija Covid-19) liema dewmien, madanakollu, ħadem a favur tad-denunzjat għax ta' opportunità tad-deheb lill-istess denunzjat jirradrizza l-aġir tiegħu u jżomm kuntatt u joqgħod għad-direttivi tal-Uffiċjali tal-*Probation* pendenti l-eżitu ta' din id-denunzja. Dan kjarament ma kienx il-każ u d-denunzjat kompla jikkonferma n-nuqqas tiegħu li jadixxi mal-Ordni ta' Probation jew, tal-inqas, li juri l-buona volontà tiegħu tul is-sena u seba xhur wara l-iskadenza tal-Ordni ta' *Probation.*

Illi din l-attitudni tad-denunzjat ġiet eżebita wkoll lejn il-Qorti. Filfatt, mill-ewwel seduta allokata għal din id-denunzja sal-ġurnata tal-lum kien hemm diversi seduti li ma setgħux isiru primarjament minħabba raġunijiet attribwibbli lejn id-denunzjat. Hekk, per eżempju nsibu li

- fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2021 id-denunzjat ma deherx minkejja li kien notifikat;

- fis-seduta tal-10 ta' Novembru 2021 id-denunzjat deher u nforma l-Qorti li huwa ngaġġa avukat mill-Aġenzija tal-Għajnuna Legali iżda ma jafx min hu l-avukat;

- fis-seduta tal-21 ta' Jannar 2022, minkejja li d-denunzjat deher, l-Uffiċjal tal-*Probation* talbet differiment peress li kienet informata li d-deunzjat ma kienx se jattendi minħabba intervent kirurġiku;

- fis-seduta tal-4 ta' Marzu 2022 id-denunzjat deher u nforma l-Qorti li huwa tpoġġa fuq "waiting list" mill-Aġenzija tal-Għajnuna Legali, u l-Qorti ħatret avukat mill-Aġenzija tal-Għajnuna Legali seduta stante;

- fis-seduta tat-2 ta' Novembru 2022, id-denunzjat ma deherx minkejja li kien debitament notifikat;

- fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2022 id-denunzjat deher u fuq talba tal-prosekuzzjoni, l-Qorti applikat garanzija ai termini tal-Artikolu 412A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront tiegħu;

- fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2023 id-denunzjat ma deherx u deher biss l-avukat patroċinanti tiegħu li rrinunzja għall-patroċinju tiegħu peress li d-denunzjat m'għamel ebda komunikazzjoni miegħu mis-seduta tat-18 ta' Novembru 2021 sa dakinhar;

- fis-seduta tat-8 ta' Mejju 2023, id-denunzjat ma deherx minkejja li kien debitament notifikat u minkejja l-garanzija mogħtija ai termini tal-Artikolu 412A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Qorti ħadet il-provedimenti skont il-liġi;

Illi għalhekk, fil-fehma tal-Qorti ġie ampjament ipprovat li bejn il-perjodu tal-4 ta' Ottubru 2019 u t-3 ta' Ottubru 2021, id-denunzjat kostantement naqas mili jżomm kuntatt mal-uffiċjali tal-*Probation*. Illi di più, il-Qorti setgħet tara hi stess illi d-denunzjat lanqas kien qed iżomm mas-seduti avolja kien qed jingħata n-notifika jew bil-miktub jew inkella *viva voce* seduta stante.

Illi l-Qorti tagħmilha ċara li Ordni ta' *Probation* m'hijiex Ordni m'għandhiex tiġi użata mill-ħati bħala mezz li biha jiffranka li jiġi inkarċerat. L-għan ewlieni ta' Ordni ta' *Probation* huwa li l-ħati jingħata l-opportunità bl-għajnuna tal-uffiċjali mħarrġa li jirradrizza attitudnijiet u jindirizza problemi li jista' talvolta jkollu biex b'hekk jeħles minn dak kollu li wasslu għall-kommissjoni tar-reat. Huwa fundamentali, madanakollu, li l-ħati jikkowopera bis-sħiħ u jobdi l-istruzzjonijiet mogħtija lilu mill-Uffiċjali tal-*Probation* biex jilħaq l-għan tal-Ordni ta' Probation.

Ikkonsidrat;

Illi l-Artikolu 21(2) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi illi jekk il-Qorti tkun sodisfatta illi d-denunzjat ikun naqas milli jħares xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti, l-Qorti tista', mingħajr preġudizzju għat-tkomplija tas-sanzjoni, tikkundanna lill-ħati *ammenda* ta' mhux iżjed minn €232.94, jew tista' tittratta ma' min ikun taħt probation, għar-reat li dwaru tkun saret is-sanzjoni komunitarja, b'kull mod kif il-Qorti tista' tittratta lill-ħati li kieku kien għadu kemm ġie dikjarat ħati minn jew quddiem dik il-qorti għal dak ir-reat.

Illi meta wieħed jara l-komportament tad-denunzjat tul dawn it-tlett snin u seba' xhur, ossija sa minn dakinhar li saret l-Ordni ta' Probation sad-data tal-lum, huwa ċar li Dylan Hill irrifjuta li joqgħod għall-istruzzjonijiet tal-Uffiċjali tal-*Probation* u b'hekk il-Qorti temmen li hija għandha titratta mad-denunzjat għar-reat li dwaru tkun saret is-sanzjoni komunitarja, ossija r-reati mwettqa fil-lejl tal-1 u t-2 ta' Mejju 2018 u li tagħhom instab ħati.

Ikkonsidrat;

Illi a skans ta' ripetizzjoni inutli, din il-Qorti qed tagħmel pjenament referenza għas-sentenza erogata nhar l-4 ta' Ottubru 2019 fl-ismijiet premessi b'eċċezzjoni għall-piena erogata f'dik is-sentenza, liema piena se jiġi rimpjazzat b'dik odjerna.

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta illi Dylan Hill, fil-lejl ta' bejn l-1 ta' Mejju 2018 u t-2 ta' Mejju 2018, għall-ħabta tat-03:00am wara li ħareġ minn bar f'Birżebbuġia, tela' ma' ħajt, qabeż ġo gallarija u daħal fil-kamra tas-sodda ta' residenza fejn kien hemm żewġ persuni rieqdin. Hemm, hu beda jqalleb fl-affarijiet u ħa diversi oġġetti, fosthom kartiera, ħwejjeġ u anke *mobile phones*. Wara hu ħareġ mill-appartament u mar jorqod f'vann tal-imgħallem tiegħu ta' dak iż-żmien.

Illi fis-seduta tal-4 ta' Mejju 2018, Dylan Hill irreġistra ammissjoni għall-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u din il-Qorti, diversament ippresjeduta

kkonfermat is-sejbien ta' ħtija tiegħu bis-sentenza tagħha fl-ismijiet Pulizija vs Dylan Hill erogata nhar l-4 ta' Ottubru 2019.

Illi fir-rigward tal-piena, il-Qorti tinnota, min-naħa l-waħda, li Dylan Hill ammetta l-akkużi miġjuba kontrih fi stadju bikri ħafna tal-proċeduri. Min-naħa l-oħra, l-Qorti tinnota wkolli dawn ir-reati seħħew f'ambitu fejn ir-residenti tal-fond derubat kienu reqdin għall-kwiet f'darhom u Dylan Hill daħal b'mod okkult sabiex iwettaq is-serqa waqt li huma stess kienu hemm qed jieħdu l-mistrieħ tagħhom. Illi l-Qorti tara li ċ-ċirkostanzi wara dan il-każ jammontaw għal oltraġġ serju da parti ta' Hill lejn is-sens ta' sigurtà u serħan-il moħħ li persuna tpoġġi fir-residenza tagħha. Illi ta spiss, il-vittmi f'ċirkostanzi bħal dawk ma jitilfux biss l-oġġetti li jkunu ġew derubati, iżda wkoll is-sens ta' appartenenza li jkollhom lejn ir-residenza, sens li jieħu ż-żmien tiegħu sabiex jerġa' jiġi mibni. Di più, fl-eżekuzzjoni ta' dawn ir-reati, Dylan Hill wettaq ħsara volontarja fuq il-propjetà ta' terzi, kif jirriżulta mill-atti proċesswali.

**Deċide:**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 21 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta qed issib illi **Dylan Hill** kiser il-kondizzjonijiet ta' l-Ordni ta' Probation imposta fuqu b'Digriet datat l-04 ta' Ottubru 2019 u qed tagħżel li tittratta ma' **Dylan Hill** għar-reati li dwarhom saret l-Ordni ta' *Probation*, b'kull mod kif il-Qorti tista' tittratta lill-ħati li kieku kien għadu kemm ġie dikjarat ħati minn jew quddiem dik il-qorti għal dak ir-reat:

Għaldaqstant, il-Qorti, filwaqt li qed terġa' tikkonferma s-sejbien ta' ħtija ta' **Dylan Hill** għall-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu, kif determinat bis-sentenza fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs. Dylan Hill**" erogata minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fll-04 ta' Ottubru 2019, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 20, 31, 261(ċ)(e)(f); 267; 269(g), 270, 279(a), 280 u

325(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundanna lil **Dylan Hill** għal tnax-il (12) xahar priġunerija effettiva.

**Ft. Dr. Leonard Caruana B.A., LL.D., M.A (Fin. Serv)**
Maġistrat

**Sharonne Borg**
Deputat Reġistratur